# Restawr tal-faċċati tat-Tliet Knejjes f'Ħal Balzan

Diskors ta' David Zerafa,
Progects Manager fil-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura,
nhar il-kxif tar-restawr

Fl-2005 l-Kappillan Dun Kalċidon Vassallo għamel talba lill-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura sabiex isir restawr minn barra tal-faċċati tat-Tliet Knejjes f'Ħal Balzan. B'sodisfazzjoni, din it-talba ntlaqgħet u, minkejja n-numru konsiderevoli ta' xogħlijiet oħra, dan il-proġett kien ipprogrammat mit-Taqsima tar-Restawr fil-lista ta' Xogħlijiet tar-Restawr għall-2006.

Il-Perit Norbert Gatt, mit-Taqsima tar-Restawr fid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet, spezzjona l-faċċati u l-partijiet esterni tal-knejjes sabiex tkun indikata l-ħsara u ssir evalwazzjoni tal-metodi ta' restawr u manutenzjoni neċessarja. Il-ħsara l-



kbira kienet tikkonsisti prinċipalment fil-kisja ta' siment li kien hemm tul il-faċċati kollha, f'għoli ta' xi 2 metri, u f'waħda mill-faċċati li kellha deterjorament kemxejn qawwi tal-ġebla tal-franka.

Huwa ta' sodisfazzjon illi l-knejjes tal-Lunzjata u Santu Rokku, li huma tnejn mill-kumpless ta' Tliet Knejjes medjevali f'Ħal Balzan, inżammu kemm fl-oriġinalità u kemm fil-funzjoni tagħhom. L-istorja u l-istat li kienu fih knejjes simili kemm f'Ħal Balzan u kemm f'diversi parroċċi oħra setgħu jinġabru minn informazzjoni ta' viżti pastorali li saru minn żmien għal żmien minn isqfijiet differenti sa mis-sena 1575.

Monsinjur Dusina għamel żjara fil-Knisja tal-Lunzjata fl-1 ta' Frar 1575 u ta deskrizzjoni tal-knisja kemm minn ġewwa u kemm minn barra. Huwa qal illi l-altar maġġur kien mibni minn ġebel dekorattiv ta' kwalità għolja. Minn viżti pastorali li saru wara, jidher illi l-Knejjes ta' Santu Rokku u ta' San Anard inbnew wara, x'aktarx bejn l-1575 u l-1601.

Il-knejjes ġarrbu ħsarat minn xogħlijiet estensivi fuq il-faċċati snin ilu. Jidher li l-faċċati tbaqqnu u ngħataw kisja ta' siment u ramel bl-intenzjoni li tissolva l-problema ta' l-umdità fil-bini. Din hija problema komuni fil-bini antik ta' pajjiżna, li sfortunatament tkompli tiggrava l-problema ta' l-umdità fil-ġebla. Jiġri li l-faċċati tal-ġebla jitilfu l-porożità, u l-umdità fil-ħitan tkompli aktar tiegħla 'l fuq. Fil-każ tal-knejjes tagħna, l-umdità laħqet il-livell ta' bejn tnejn u tliet metri.

Ix-xogħlijiet ta' restawr ħadu xi tnax-il ġimgħa u saru minn grupp ta' ħames ħaddiema mmexxija mill-Uffiċjal Tekniku Michael Fenech. Ix-xogħol kien jinkludi t-tneħħija bl-idejn tal-kisja tas-siment minn fuq il-faċċati, proċess li ħa ħafna miż-żmien minħabba delikatezza naturali sabiex ma ssirx aktar ħsara lill-ġebla. Kien applikat bijoċida addattat sabiex jitneħħa l-*biological soiling* li akkumula fuq wiċċ il-ġebla, u wkoll tindif tal-faċċati bi xkupilji mxarrba. Il-fili tal-ġebla fuq il-faċċata tnaddfu u sar it-tikħil neċessarju tal-fili b'tajn apposta bbazat fuq il-ġir. Ix-xogħol kien jinkludi wkoll il-faċċata ta' wara tal-knisja tal-Lunzjata, li tiġi fuq Triq il-Providenza.

Il-ħsarat strutturali kienu minimi u dawn tranġaw ukoll fejn kien hemm bżonn.

Is-soqfa ta' dawn il-knejjes għadhom la antika bid-deffun, u dan ukoll saritlu manutenzjoni peress li kien hemm fejn kien maqsum jew difettuż. Ġiet stallata sistema ġdida ta' katusi tal-fuħħar, sabiex imorru ma' l-antikità tal-post, għall-ilma tax-xita li jinġabar fuq il-bjut tal-knejjes. Tibdil tal-ġebla sar mill-anqas peress li l-metodi użati fir-restawr juru li sa fejn hu possibbli għandu jkun applikat kisi b'tajn apposta bbażat fuq il-ġir sabiex issir manutenzjoni tal-ġebel li jkun fi stat bikri ta' deterjorament.

Is-salib li hawn quddiemna kien ukoll irrestawrat u nista' ngħidilkom li l-parti ta' fuq kienet maqlugħa u fi stat perikoluż. Dan is-salib ukoll tnaddaf bil-bijoċida u xkupilji mxarrba, filwaqt li parti mill-iskultura li kienet tmermret reġgħet ġiet skolpita mill-ġdid. Il-parti ta' fuq tas-salib tqiegħdet f'postha permezz ta' *stainless dowel* u kolla apposta.



Fl-aħħar tax-xogħlijiet saret sistema ġdida tad-dawl fuq 'il barra tal-knejjes billi kienu stallati dwal jitfgħu 'l fuq li żgur qed ikomplu jagħtu dehra isbaħ lill-faċċata tal-knejjes wara nżul ix-xemx.

Dan ix-xogħol li, kif diġà għedt, sar mit-Taqsima tar-Restawr fil-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura u b'kollaborazzjoni sħiħa tal-Kappillan Dun Kalċidon Vassallo u tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan li tat is-sehem tagħha wkoll bil-kontribuzzjoni ta' l-ispejjeż tal-materjal li kien meħtieġ għall-proġett.